22.2.2024 A9-0016/319

**Emenda 319**

**Adrián Vázquez Lázara, Caroline Nagtegaal, Malik Azmani, Jan Huitema, Bart Groothuis, Catharina Rinzema, Nils Torvalds, Eero Heinäluoma, Miapetra Kumpula-Natri, Mauri Pekkarinen, Abir Al-Sahlani, Emma Wiesner, Laurence Sailliet, Elsi Katainen, Brice Hortefeux, Anne Sander, Geoffroy Didier, Arnaud Danjean, Danuta Maria Hübner, Petri Sarvamaa, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, David Lega, Jessica Polfjärd, Sara Skyttedal, Tomas Tobé, Henna Virkkunen, Karen Melchior, Sirpa Pietikäinen, Nathalie Colin-Oesterlé, Eva Maria Poptcheva, Morten Løkkegaard, Antonius Manders, Annie Schreijer-Pierik, Tom Berendsen, Jeroen Lenaers, Anja Haga, Teuvo Hakkarainen, Jana Toom, Miriam Lexmann, Asger Christensen, Erik Poulsen, Evin Incir, Heléne Fritzon, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Jordi Cañas**

**Rapport** **A9-0016/2024**
**Marion Walsmann**
Privattivi essenzjali standard
(COM(2023)0232 – C9-0147/2023 – 2023/0133(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 32*** | ***imħassar*** |
| ***Evalwazzjoni bejn il-pari*** | |
| ***1. Meta ċ-ċentru ta' kompetenza jkun informa lid-detentur tal-SEP skont l-Artikolu 31(3), id-detentur tal-SEP jista' jitlob evalwazzjoni bejn il-pari qabel l-iskadenza tal-perjodu biex jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 31(3).*** | |
| ***2. Jekk id-detentur tal-SEP jitlob evalwazzjoni bejn il-pari, iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jaħtar evalwatur tal-pari.*** | |
| ***3. L-evalwatur tal-pari għandu jqis kif xieraq l-informazzjoni kollha sottomessa mid-detentur tal-SEP, ir-raġunijiet tal-evalwatur inizjali għaliex l-SEP tista' ma tkunx essenzjali għall-istandard u kwalunkwe ċart emendata tal-pretensjonijiet jew osservazzjonijiet addizzjonali pprovduti mid-detentur tal-SEP.*** | |
| ***4. F'każ li l-evalwazzjoni bejn il-pari tkun*** | |

***ikkonfermat il-konklużjonijiet preliminari tal-evalwatur li l-SEP evalwata tista' ma tkunx essenzjali għall-istandard li għalih tkun ġiet irreġistrata, l-evalwatur tal-pari għandu jinforma liċ-ċentru ta' kompetenza u jipprovdi r-raġunijiet għal din l-opinjoni. Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jinforma lid-detentur tal-SEP u għandu jistieden lid-detentur tal-SEP jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu.***

***5. L-evalwatur tal-pari għandu jqis kif xieraq l-osservazzjonijiet tad-detentur tal-SEP u għandu joħroġ opinjoni motivata finali liċ-ċentru ta' kompetenza fi żmien 3 xhur mill-ħatra tiegħu. L-opinjoni motivata finali għandha tinkludi l-isem tad-detentur tal-SEP, tal-evalwatur u tal-evalwatur tal-pari, l-SEP soġġetta għall-verifika tal-essenzjalità, l-istandard rilevanti, sommarju tal-proċedura ta' eżami u ta' evalwazzjoni bejn il-pari, il-konklużjoni preliminari tal-evalwatur, ir-riżultat tal-evalwazzjoni bejn il-pari u r-raġunijiet li fuqhom huwa bbażat dak ir-riżultat.***

***6. Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jinnotifika l-opinjoni motivata finali lid-detentur tal-SEP.***

***7. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni bejn il-pari għandhom iservu biex itejbu l-proċess ta' verifika tal-essenzjalità u jiżguraw il-konsistenza.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tħassir għall-konsistenza mat-tħassir tad-dispożizzjonijiet relatati mal-verifiki tal-essenzjalità.*

22.2.2024 A9-0016/320

**Emenda 320**
**Adrián Vázquez Lázara, Caroline Nagtegaal, Malik Azmani, Jan Huitema, Bart Groothuis, Catharina Rinzema, Nils Torvalds, Eero Heinäluoma, Miapetra Kumpula-Natri, Mauri Pekkarinen, Abir Al-Sahlani, Emma Wiesner, Elsi Katainen, Laurence Sailliet, Brice Hortefeux, Geoffroy Didier, Arnaud Danjean, Danuta Maria Hübner, Petri Sarvamaa, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, David Lega, Jessica Polfjärd, Sara Skyttedal, Tomas Tobé, Henna Virkkunen, Karen Melchior, Sirpa Pietikäinen, Nathalie Colin-Oesterlé, Eva Maria Poptcheva, Morten Løkkegaard, Antonius Manders, Annie Schreijer-Pierik, Tom Berendsen, Jeroen Lenaers, Anja Haga, Teuvo Hakkarainen, Jana Toom, Miriam Lexmann, Asger Christensen, Erik Poulsen, Evin Incir, Heléne Fritzon, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Jordi Cañas**

**Rapport** **A9-0016/2024**
**Marion Walsmann**
Privattivi essenzjali standard
(COM(2023)0232 – C9-0147/2023 – 2023/0133(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 33*** | ***imħassar*** |
| ***Pubblikazzjoni tar-riżultati tal-verifiki tal-essenzjalità*** | |
| ***1. Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jdaħħal ir-riżultat tal-verifika tal-essenzjalità jew tal-evalwazzjoni bejn il-pari fir-reġistru u l-opinjoni motivata u l-opinjoni motivata finali fil-bażi tad-data. Ir-riżultat tal-verifika tal-essenzjalità skont dan ir-Regolament għandu jkun validu għall-SEPs kollha mill-istess familja ta' privattivi.*** | |
| ***2. Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jippubblika fir-reġistru l-perċentwal ta' SEPs inklużi fil-kampjun għal kull detentur ta' SEPs u għal kull standard reġistrat speċifiku li għadda b'suċċess mit-test tal-essenzjalità.*** | |
| ***3. Fejn il-pubblikazzjoni tar-riżultati jkun fiha żball li jkun sar miċ-ċentru ta' kompetenza, iċ-ċentru ta' kompetenza għandu fuq inizjattiva proprja jew fuq*** | |

***talba mir-reġistrant detentur ta' SEP jikkoreġi l-iżball u jippubblika l-korrezzjoni.***

Or. en

**Emenda 321**
**Adrián Vázquez Lázara, Caroline Nagtegaal, Malik Azmani, Jan Huitema, Bart Groothuis, Catharina Rinzema, Nils Torvalds, Eero Heinäluoma, Miapetra Kumpula-Natri, Mauri Pekkarinen, Abir Al-Sahlani, Emma Wiesner, Elsi Katainen, Laurence Sailliet, Brice Hortefeux, Anne Sander, Geoffroy Didier, Arnaud Danjean, Danuta Maria Hübner, Petri Sarvamaa, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, David Lega, Jessica Polfjärd, Sara Skyttedal, Tomas Tobé, Henna Virkkunen, Sirpa Pietikäinen, Nathalie Colin-Oesterlé, Eva Maria Poptcheva, Morten Løkkegaard, Antonius Manders, Annie Schreijer-Pierik, Tom Berendsen, Jeroen Lenaers, Anja Haga, Teuvo Hakkarainen, Jana Toom, Miriam Lexmann, Asger Christensen, Erik Poulsen, Evin Incir, Heléne Fritzon, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Jordi Cañas**

**Rapport** **A9-0016/2024**
**Marion Walsmann**
Privattivi essenzjali standard
(COM(2023)0232 – C9-0147/2023 – 2023/0133(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta jkun ingħata bidu għal proċediment parallel qabel jew matul id-determinazzjoni FRAND minn parti, ***mill-konċiljatur***, jew fejn ma jkunx ġie maħtur, iċ-ċentru ta' kompetenza, għandu jtemm id-determinazzjoni FRAND fuq talba ta' kwalunkwe parti oħra. | 2. Meta jkun ingħata bidu għal proċediment parallel qabel jew matul id-determinazzjoni FRAND minn parti, ***il-konċiljatur***, jew fejn ma jkunx ġie maħtur, iċ-ċentru ta' kompetenza, għandu jtemm id-determinazzjoni FRAND fuq talba ta' kwalunkwe parti oħra. |

Or. en

22.2.2024 A9-0016/322

**Emenda 322**
**Adrián Vázquez Lázara, Caroline Nagtegaal, Malik Azmani, Jan Huitema, Bart Groothuis, Catharina Rinzema, Nils Torvalds, Eero Heinäluoma, Miapetra Kumpula-Natri, Mauri Pekkarinen, Abir Al-Sahlani, Emma Wiesner, Elsi Katainen, Laurence Sailliet, Brice Hortefeux, Geoffroy Didier, Arnaud Danjean, Danuta Maria Hübner, Petri Sarvamaa, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, David Lega, Jessica Polfjärd, Sara Skyttedal, Tomas Tobé, Henna Virkkunen, Sirpa Pietikäinen, Nathalie Colin-Oesterlé, Eva Maria Poptcheva, Morten Løkkegaard, Antonius Manders, Annie Schreijer-Pierik, Tom Berendsen, Jeroen Lenaers, Anja Haga, Teuvo Hakkarainen, Jana Toom, Miriam Lexmann, Asger Christensen, Erik Poulsen, Evin Incir, Heléne Fritzon, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Jordi Cañas**

**Rapport** **A9-0016/2024**
**Marion Walsmann**
Privattivi essenzjali standard
(COM(2023)0232 – C9-0147/2023 – 2023/0133(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 64 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jekk l-ammonti mitluba ma jitħallsux kompletament fi żmien 10 ijiem wara d-data tat-talba, iċ-ċentru ta' kompetenza jista' jinnotifika lill-parti inadempjenti u jagħtiha l-opportunità li tagħmel il-ħlas meħtieġ fi żmien [5] ijiem. Hija għandha tissottometti kopja tat-talba lill-parti l-oħra, f'każ ta' determinazzjoni ***tar-royalties aggregati jew*** FRAND. | 2. Jekk l-ammonti mitluba ma jitħallsux kompletament fi żmien 10 ijiem wara d-data tat-talba, iċ-ċentru ta' kompetenza jista' jinnotifika lill-parti inadempjenti u jagħtiha l-opportunità li tagħmel il-ħlas meħtieġ fi żmien [5] ijiem. Hija għandha tissottometti kopja tat-talba lill-parti l-oħra, f'każ ta' determinazzjoni FRAND. |

Or. en


Magħquda fid-diversità

22.2.2024 A9-0016/323

**Emenda 323**
**Adrián Vázquez Lázara, Caroline Nagtegaal, Malik Azmani, Jan Huitema, Bart Groothuis, Catharina Rinzema, Nils Torvalds, Eero Heinäluoma, Miapetra Kumpula-Natri, Mauri Pekkarinen, Abir Al-Sahlani, Emma Wiesner, Elsi Katainen, Laurence Sailliet, Brice Hortefeux, Anne Sander, Arnaud Danjean, Geoffroy Didier, Petri Sarvamaa, Henna Virkkunen, Sirpa Pietikäinen, Nathalie Colin-Oesterlé, Eva Maria Poptcheva, Morten Løkkegaard, Maria da Graça Carvalho, Antonius Manders, Annie Schreijer-Pierik, Tom Berendsen, Jeroen Lenaers, Anja Haga, Jana Toom, Asger Christensen, Erik Poulsen, Evin Incir, Heléne Fritzon, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Jordi Cañas, Teuvo Hakkarainen**

**Rapport** **A9-0016/2024**
**Marion Walsmann**
Privattivi essenzjali standard
(COM(2023)0232 – C9-0147/2023 – 2023/0133(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 66**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 66*** | ***imħassar*** |
| ***Ftuħ tar-reġistrazzjoni għal standard eżistenti*** | |
| ***1. Sa [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data = 28 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament] id-detenturi tal-SEPs essenzjali għal standard ippubblikat qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ("standards eżistenti"), li għalihom ikunu saru impenji FRAND, jistgħu jinnotifikaw liċ-ċentru ta' kompetenza skont l-Artikoli 14, 15 u 17 bi kwalunkwe wieħed mill-istandards eżistenti jew partijiet minnhom li se jiġu ddeterminati fl-att delegat f'konformità mal-paragrafu (4). Il-proċeduri u r-rekwiżiti ta' notifika u pubblikazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament japplikaw mutatis mutandis.*** | |
| ***2. Sa [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data = 28 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament] l-implimentaturi ta' standard, standard ippubblikat qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, li għalih ikunu saru impenji FRAND*** | |


Magħquda fid-diversità

***jistgħu jinnotifikaw skont l-Artikolu 14(4) liċ-ċentru ta' kompetenza bi kwalunkwe wieħed mill-istandards eżistenti jew partijiet minnhom, li se jiġu ddeterminati fl-att delegat f'konformità mal-paragrafu (4). Il-proċeduri u r-rekwiżiti ta' notifika u pubblikazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament japplikaw mutatis mutandis.***

***3. Sa [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data = 30 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament] detentur ta' SEP jew implimentatur jista' jitlob opinjoni esperta skont l-Artikolu 18 dwar l-SEPs essenzjali għal standard eżistenti jew partijiet minnu, li tiġi ddeterminata fl-att delegat f'konformità mal-paragrafu (4). Ir-rekwiżiti u l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 18 japplikaw mutatis mutandis.***

***4. Meta l-funzjonament tas-suq intern ikun distort ħafna minħabba ineffiċjenzi fil-liċenzjar tal-SEPs, il-Kummissjoni għandha, wara proċess ta' konsultazzjoni xieraq, permezz ta' att delegat skont l-Artikolu 67, tiddetermina liema mill-istandards eżistenti, partijiet minnhom jew każijiet ta' użu rilevanti jistgħu jiġu nnotifikati f'konformità mal-paragrafu (1) jew mal-paragrafu (2) , jew li għalihom tista' tintalab opinjoni esperta f'konformità mal-paragrafu (3). L-att delegat għandu jiddetermina wkoll liema proċeduri u rekwiżiti ta' notifika u pubblikazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament japplikaw għal dawk l-istandards eżistenti. L-att delegat għandu jiġi adottat fi [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data – 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament.]***

***5. Dan l-artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe att konkluż u kwalunkwe dritt miksub sa [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data – 28 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament].***

Or. en

22.2.2024 A9-0016/324

**Emenda 324**
**Adrián Vázquez Lázara, Caroline Nagtegaal, Malik Azmani, Jan Huitema, Bart Groothuis, Catharina Rinzema, Nils Torvalds, Eero Heinäluoma, Miapetra Kumpula-Natri, Mauri Pekkarinen, Abir Al-Sahlani, Emma Wiesner, Elsi Katainen, Laurence Sailliet, Brice Hortefeux, Anne Sander, Arnaud Danjean, Sirpa Pietikäinen, Nathalie Colin-Oesterlé, Eva Maria Poptcheva, Morten Løkkegaard, Maria da Graça Carvalho, Antonius Manders, Annie Schreijer-Pierik, Tom Berendsen, Jeroen Lenaers, Teuvo Hakkarainen, Jana Toom, Asger Christensen, Erik Poulsen, Evin Incir, Heléne Fritzon, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Jordi Cañas, Geoffroy Didier, Anja Haga**

**Rapport** **A9-0016/2024**
**Marion Walsmann**
Privattivi essenzjali standard
(COM(2023)0232 – C9-0147/2023 – 2023/0133(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 67 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-setgħa għall-adozzjoni ta’ atti delegati msemmija ***fl-Artikoli 1(4), 4(5) u 66(4)*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament. | 2. Is-setgħa għall-adozzjoni ta’ atti delegati msemmija ***fl-Artikolu 1(2) u (4) u fl-Artikolu 4(5)*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament. |

Or. en

**Emenda 325**
**Adrián Vázquez Lázara, Caroline Nagtegaal, Malik Azmani, Jan Huitema, Bart Groothuis, Catharina Rinzema, Nils Torvalds, Eero Heinäluoma, Miapetra Kumpula-Natri, Mauri Pekkarinen, Abir Al-Sahlani, Emma Wiesner, Elsi Katainen, Laurence Sailliet, Brice Hortefeux, Geoffroy Didier, Arnaud Danjean, Danuta Maria Hübner, Petri Sarvamaa, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, David Lega, Jessica Polfjärd, Sara Skyttedal, Tomas Tobé, Henna Virkkunen, Sirpa Pietikäinen, Nathalie Colin-Oesterlé, Eva Maria Poptcheva, Morten Løkkegaard, Maria da Graça Carvalho, Antonius Manders, Annie Schreijer-Pierik, Tom Berendsen, Jeroen Lenaers, Anja Haga, Teuvo Hakkarainen, Jana Toom, Miriam Lexmann, Asger Christensen, Erik Poulsen, Evin Incir, Heléne Fritzon, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Jordi Cañas**

**Rapport** **A9-0016/2024**
**Marion Walsmann**
Privattivi essenzjali standard
(COM(2023)0232 – C9-0147/2023 – 2023/0133(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 67 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Id-delega tas-setgħa msemmija ***fl-Artikoli 1(4), 4(5) u 66(4)*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ. | 3. Id-delega tas-setgħa msemmija ***fl-Artikolu 1(2) u (4) u fl-Artikolu 4(5)*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ. |

Or. en

**Emenda 326**
**Adrián Vázquez Lázara, Caroline Nagtegaal, Malik Azmani, Jan Huitema, Bart Groothuis, Catharina Rinzema, Nils Torvalds, Eero Heinäluoma, Miapetra Kumpula-Natri, Mauri Pekkarinen, Abir Al-Sahlani, Emma Wiesner, Elsi Katainen, Laurence Sailliet, Brice Hortefeux, Geoffroy Didier, Arnaud Danjean, Sirpa Pietikäinen, Nathalie Colin-Oesterlé, Eva Maria Poptcheva, Morten Løkkegaard, Maria da Graça Carvalho, Antonius Manders, Annie Schreijer-Pierik, Tom Berendsen, Jeroen Lenaers, Anja Haga, Teuvo Hakkarainen, Jana Toom, Asger Christensen, Erik Poulsen, Evin Incir, Heléne Fritzon, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Jordi Cañas**

**Rapport** **A9-0016/2024**
**Marion Walsmann**
Privattivi essenzjali standard
(COM(2023)0232 – C9-0147/2023 – 2023/0133(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 67 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Att delegat adottat skont ***l-Artikoli 1(4), 4(5) u 66(4)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. | 6. Att delegat adottat skont ***l-Artikolu 1(2), u (4) u l-Artikolu 4(5)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. |

Or. en

**Emenda 327**
**Adrián Vázquez Lázara, Caroline Nagtegaal, Malik Azmani, Jan Huitema, Bart Groothuis, Catharina Rinzema, Nils Torvalds, Eero Heinäluoma, Miapetra Kumpula-Natri, Mauri Pekkarinen, Emma Wiesner, Abir Al-Sahlani, Elsi Katainen, Laurence Sailliet, Brice Hortefeux, Anne Sander, Geoffroy Didier, Arnaud Danjean, Sirpa Pietikäinen, Nathalie Colin-Oesterlé, Eva Maria Poptcheva, Morten Løkkegaard, Antonius Manders, Annie Schreijer-Pierik, Tom Berendsen, Jeroen Lenaers, Anja Haga, Teuvo Hakkarainen, Jana Toom, Asger Christensen, Erik Poulsen, Evin Incir, Heléne Fritzon, Ilan De Basso, Carina Ohlsson, Jordi Cañas**

**Rapport** **A9-0016/2024**
**Marion Walsmann**
Privattivi essenzjali standard
(COM(2023)0232 – C9-0147/2023 – 2023/0133(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 70 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Sa ... [jekk jogħġbok daħħal id-data: 6 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp ta' esperti tal-partijiet ikkonċernati, magħmul minn esperti esterni indipendenti u rappreżentanza bilanċjata tal-partijiet interessati kollha, inklużi d-detenturi u l-implimentaturi tal-SEPs u l-SMEs. Il-grupp ta' esperti tal-partijiet ikkonċernati għandu jingħata l-kompitu li jivvaluta l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq l-ekosistema Ewropea u globali tal-PI u l-innovazzjoni u fuq il-kompetittività Ewropea, kif ukoll il-kompatibbiltà ta' dan ir-Regolament mal-ftehimiet tad-WTO. Il-grupp ta' esperti tal-partijiet ikkonċernati għandu jifformula l-valutazzjoni u r-rakkomandazzjoni tiegħu f'rapport lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn ... [daħħal id-data 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull tliet snin wara dan. Dak ir-rapport għandu wkoll jiġi ppubblikat.*** |

Or. en